MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 5/2006

Ester *sive* Esther Camilleri .

Vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi wara li ppremettiet :

Illi hija dejjem kitbet isimha Esther, hekk kif jista' jiġi dedott minn diversi dokumenti ta' identifikazzjoni fosthom il-karta tal-Identita', ċertifikati u passaporti hawn meħmuża u mmarkati Dok EC 1 – 4 rispettivament .

Illi ċ-ċertifikat tat-twelid kif irreġistrat fir-Reġistru Pubbliku u li qed jiġi hawn meħmuż u mmarkat Dok. EC 5 juri isem l-attriċi miktub mingħajr il-"h", u ċioe' bħala Ester minflok Esther ;

Illi dan l-iżball seħħ għal darba oħra fuq il-passaport Malti maħruġ fil-11 ta' April, 2005, kopja tal-estratt tiegħu huwa hawn meħmuż u mmarkat Dok EC 6 .

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex ma għandhiex din il-Qorti :

1. Tawtorizża l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kunjom fiċ-ċertifikat tat-twelid skond il-provediment tal-artiklu 253 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex isem l-attrici jinkiteb bl-'h' u ċioe' ESTHER .

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija jiġi rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv tal-attriċi, jekk ikun il-każ u dan skond l-artiklu 253 (3) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta .

Il-konvenut huwa minn issa mħarrek sabiex jidher għas-subizzjoni .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess attriċi kkonfermata bil-ġurament tagħha .

Rat ukoll id-dokumenti annessi maċ-ċitazzjoni .

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut li ġġib id-data tat-tlieta ta' Frar 2006 . Innutat li l-istess konvenut baqa' ma weġibx għal din il-kawża .

Semgħet lill-attriċi tikkonferma l-kontenut tad-dikjarazzjoni .

Il-Qorti għalhekk, u billi jidhrilha li t-talba attriċi hija ġustifikata, tiddeċidi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi, u

1. Tawtorizża l-korrezzjoni u r-reġistrazzjoni tal-kunjom fiċ-ċertifikat tat-twelid skond il-provediment tal-artiklu 253 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex isem l-attriċi jinkiteb bl-'h' u ċioe' ESTHER .

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-att tat-twelid bir-reġistrazzjoni msemmija kif rifless f'kull att ta' l-istat ċivili relattiv tal-attriċi, jekk ikun il-każ u dan skond l-artiklu 253 (3) tal-Kapitlu 16 tal-Liġijiet ta' Malta .

Minħabba n-natura tal-kawża ma għandux ikun hemm spejjeż .

Maġistrat .

Deputat Reġistratur .

S506Pc(sup)
412

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------